MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Numru 33/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Sandro Zarb**
**V**

**HE GUI**
**WANG CHEN GUI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **HE GUI** ta' tmintax il-sena, ta' nazzjonalita` Ciniza, iben He Hai, imwieled Gui Lin fl-1986 ta' residenza u passaport mhux maghruf **u WANG CHEN GUI** ta' hamsa u tletin sena, ta' nazzjonalita` Ciniza iben Wang Yi Ping imwieled Giang Xu fl-1968 ta' residenza u passaport mhux maghruf gew imressqha quddiemha u akkuzati talli matul l-ahhar jiem f'dawn il-gzejjer iffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f'passaport jew uzaw jew kellhom ghandhom passaport li huma jafu li gie ffalsifikat, imbiddel, jew li sar tibdil fih, bi ksur tal-artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fil-presentata u cioe` waqt l-esami li sarlu nhar it-tnax ta' Jannar, 2004 ai termini tal-artikoli 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk jirdu jergaw lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba, u dan dejjem permezz tal-interpretu nominat mill-Qorti, Olaf Terribile, il-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Il-Qorti qieset dak li qal l-Ufficjal Prosekutur seduta stante u cioe` li huma ghandhom fedina penali netta u konsegwentement thoss illi hija ghandha taghti piena karcerarja sospiza f'dawn ic-cirkostanzi.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 u l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 u wara li tiddikjara li qed issib lill-imputati hatja tikkundannhom ghall-piena karcerarja ta' sitt xhur taht il-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn mill-lum ai termini tal-artikolu 28 (A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti spjegat it-tifsira ta' din is-sentenza lill-imputati u x'jigri f'kaz li jonqsu li josservawha.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 401 (3) li l-Atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------